KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

**Brussell, 27 ta' Novembru 2012 (03.12)**
**(OR. en)**

**16893/12**

**SOC 968**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Nru dok. preċ.: | 13944/12 SOC 757 |
| Suġġett: | Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi: - Ħatra tas-Sinjura Antje WUNDERLICH, membru supplenti Ġermaniż, minflok is-Sinjura Renate AUGSTEIN, li rriżenjat |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sinjura Renate AUGSTEIN bħala membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern (għall-Ġermanja).

2. L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006[1] jipprevedi, fost l-oħrajn, li l-Kunsill għandu jaħtar 18-il membru, kif ukoll il-membri supplenti, tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għal perijodu ta' tliet snin.

[1] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

3. It-tmintax-il membru u membru supplenti maħtura mill-Kunsill jirrappreżentaw tmintax-il Stat Membru fl-ordni tal-Presidenzi b'rotazzjoni, fejn jinħatar membru wieħed u membru supplenti wieħed minn kull Stat Membru.

4. Il-Gvern tal-Ġermanja ppreżenta lill-kandidata li ġejja biex tieħu post il-membru supplenti li rriżenjat, għall-bqija tal-mandat attwali li jintemm fil-31 ta' Mejju 2013:

Is-Sinjura Antje WUNDERLICH
*Bundesministerium für Familie, Senioren, Frauen und Jugend*
*Sachbearbeiterin*
Glinkastrasse 24
DE - 10117 BERLIN
Tel.: + 49 (0) 30 20655 1213
Fax: + 49 (0) 30 18555 41213
*posta elettronika: antje.wundeerlich@bmfsfj.bund.de*

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża dwar is-sostituzzjoni ta' membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u

(b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew

għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanzja bejn is-Sessi[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010[3] l-Kunsill ħatar, għall-perijodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2013, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

(2) Wara r-riżenja tas-Sinjura Renate AUGSTEIN sar vakanti l-post ta' membru supplenti fil-kategorija ta' rappreżentanti tal-gvern.

(3) Il-Gvern tal-Ġermanja ppreżenta nomina għal-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

2 ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.
3 ĠU C 137, 27.5.2010, p. 22.

Artikolu 1

Is-Sinjura Antje WUNDERLICH hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi minflok is-Sinjura Renate AUGSTEIN għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Mejju 2013.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President